Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2026)0206

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-għalf tagħhom

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Ġunju 2026 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-prodotti tagħhom, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/625 (17037/1/2025 – C10-0102/2026 – 2023/0226(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tieni qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (17037/1/25 – C10-0102/2026),

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet motivati ppreżentati mill-Parlament Ċiprijott u l-Parlament Ungeriż, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità li jiddikjaraw li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ma jimxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-26 ta' Ottubru 2023,[1]

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-17 ta' April 2024[2],

– wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari[3] dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill

---

1 ĠU C, C/2024/893, 6.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/893/oj

2 ĠU C, C/2024/3674, 26.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/3674/oj.

3 ĠU C, C/2024/6358, 7.11.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/6358/oj

(COM(2023)0411),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 75(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 68 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel (A10-0175/2026),

1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;

2. Jinnota li l-att qed jiġi adottat f'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tiffirma l-att, flimkien mal-President tal-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

4. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.